MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 722/2004

**Martin Tanti Palmier**

**Vs**

**Carmel Mifsud u Mary Grace Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta` Marzu, 2004 fejn
intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-
somma ta` sitt mija u hamsin lira (Lm650) rapprezentanti valur ta`
senserija dovuta fuq il-bejgh ta` hanut numru 99 "Tanti Palmier" Triq
Ponsomby, Gzira.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra legali datata 5 ta` Frar, 2004 u tad-9 ta` Marzu, 2004 u bl-imghax mid-data tal-

prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 25 ta` Gunju, 2004 fejn ikkontesta t-talbiet attrici peress illi qatt ma kien sar ftehim fuq senserija.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Il-kuntratt pubbliku ta` trasferiment tal-fond in kwistjoni kien sar minn Nutar Micallef filwaqt li l-konvenju kien ghamlu n-Nutar Sciriha. F'dan il-kuntratt Tonio Sultana kien ix-xerrej u l-konvenuti Mifsud kienu l-vendituri. L-attur kien is-sid ta` l-istess fond precedentement ghal Mifsud u kien l-istess attur li avvicina lin-Nutar Micallef biex jippubblikah hu l-kuntratt peress illi kellu r-ricerki gia` lesti. In-Nutar Micallef jikkonferma li l-attur kien prezenti ghal kuntratt u li kienet inqalghet kwistjoni dwar is-senserija. Id-diskors ta` senserija jiftakar li nqala` qabel ma gie ffirmat il-kuntratt. Jiftakar li l-konvenut kien offra Lm50 u mbaghad Lm100 pero` dawn ma gewx accettati mill-attur. In-Nutar ikkonferma li fuq il-kuntratt ma ssemma` xejn dwar senserija filwaqt li ma jiftakarx x'kien hemm miktub fuq il-konvenju dwar dan is-suggett.

Tonio Sultana il-persuna li xtrat il-hanut in kwistjoni jikkonferma li fuq dan in-negozju l-attur kien agixxa ta` sensar u li kwindi huwa kien hallas ta` sehemu fl-ammont ta` Lm650 Dok TS1. Qabel ma xtrah, l-istess Sultana kien qed jikri dan l-istess hanut minghand il-konvenuti pero` jghid li kien l-attur li hajru javvicina lill-konvenuti biex jara humiex interessati li jbieghuh. Huwa kien wieghdu li ser ighaddilu kelma tajba. Waqt in-negozjati, il-ftehim kien ser jisfa fix-xejn peress li nqalghet tilwima fuq il-kirjiet pagabbli waqt l-istess perjodu pero` l-ostakolu kien gie sorvolat tramite l-intervent ta` l-attur u ta` ibnu. Ghalkemm l-attur ma kienx prezenti ghall-konvenju pero` kien l-istess attur li

baghat il-partijiet ghand in-Nutar Micallef biex jirrangaw id-differenzi ta` bejniethom u jikkonkludu l-att pubbliku peress li dan in-Nutar gia` kellu r-ricerki kollha lesti. Dan ix-xhud ighid pero` li l-kwistjoni fuq senserija nqaghlet wara li l-kuntratt kien lest u kienu gia` saru c-cekkijiet kollha. Anzi in kontro-ezami jghid li l-attur qajjem din il-kwistjoni wara li gie ffirmat il-kuntratt u kulhadd kien hiereg barra. Isemmi wkoll il-fatt li l-attur kien ipprezenta ruhu ghall-kuntratt pubbliku biex jithallas minghand Ciantar il-flus li kienu dovuta lilu oltre ghas-senserija. Dan ix-xhud ma setax jikkonferma o meno kopja tal-konvenju li gie esebit u mmarkat Dok TS1. Fuq din l-iskrittura privata ma hemm xejn imsemmi dwar senserija. Dok TS1 gie konfermat bil-gurament mill-konvenuta Mary Grace Mifsud. Inoltre Dr Frank Cassar ghall-attur iddikjara hu wkoll li jaqbel fuq l-awtenticita` tal-konvenju esebit u mmarkat Dok TS1.

Illi minn din ix-xhieda johorgu punti nteressanti rilevanti ghal kaz odjern. Illi ghalkemm seta` kien li l-attur kien hajjar lil Sultana biex javvicina lill-konvenuti pero` certament l-attur ma kienx introduca jew laqqa` lil Sultana ma` sid il-post stante li gia` kienet tezisti relazzjoni lokatizzja bejniethom u kienu gia` jafu u jitkellmu ma` xulxin. Punt iehor huwa l-fatt li ghalkemm Sultana isostni li l-kuntratt finali sehh minhabba l-intervent ta` l-attur peress li kien dan ta` l-ahhar li baghathom ghand in-Nutar Micallef ghax kellu r-ricerki lesti, pero` jidher daqstant car ukoll li l-attur ma kien involut xejn fin-negozjati u trattattivi bejn Sultana u Mifsud.

Ghalkemm iz-zewg xhieda Victor u Tonio Sultana it-tnejn isostnu li l-attur kien rega` ntervjena waqt il-konvenju biex isolvi xi disgwid li nqala` bejn Sultana u Mifsud, it-tnejn jonqsu li jsemmu x’kien dan id-disgwid u f`hiex kien jikkonsisti l-intervent ta` l-attur.

L-attur ighid illi wara li kienu spiccaw it-trattattivi sabiex huwa stess jixtri lura l-hanut in kwistjoni minghand Mifsud, huwa ghamel zmien twil jipprova jhajjar lill-inkwilin ta` dak iz-zmien, cioe` Sultana sabiex jixtrih hu minfloku minghand Mifsud. Kien jarah kuljum peress li l-attur kellu

fabbrika bieb ma` bieb mal-hanut de quo u ghalhekk kien l-attur li baghat lil Sultana sabiex jindaga u jinnegozja mal-konvenuti. L-attur jammetti pero` li huwa ma kienx prezenti ghall-konvenju. L-attur jaghti x'jifhem li n-negozju kien ser jisfaxxa fuq Lm500 u rega nghaqad bl-intervent tieghu u fil-fatt kien hu li hadhom ghand in-Nutar Micallef biex jiffirmaw il-kuntratt. Madankollu pero`, l-attur jonqos li jispjega f'aktar dettal ezattament x'kien id-disgwid u b'aktar precizjoni f`hiex kien jikkonsisti l-intervent tieghu. Di piu` jinghad ukoll illi ghalkemm l-attur deher fuq il-kuntratt pubbliku ta` trasferiment ghal ragunijiet ohra mhux konnessi ma` senserija a fo.l 33 *et seq* tal-process, ma hemm imsemmi mkien l-pretenzjoni odjerna tieghu ghal hlas ta` senserija.

Il-konvenuta Mary Grace Mifsud tikkonferma li Tonio Sultana kien ghamel certu zmien imexxi u jinnegozju minn gol-hanut in kwistjoni b'titolu ta` kera li kienet tithallas lill-konvenuti qabel ma xtara l-istess minghand il-konvenuti stess. Tghid ukoll li fl-okkazzjonijiet li zewgha kien imur jigbor il-kera ta` sikwit kien jipprova jhajjar lill-inkwilin biex jixtri l-post minghandhom. Fiz-zewg okkazzjonijiet li kienu marru ghand in-Nutar Sciriha biex jiffirmaw il-konvenju qatt ma ssemma` xejn dwar senserija. Il-problema li kienet inqalghet kienu jirrigwardaw permessi fuq il-gestjoni tal-hanut fis-sens li jidher li kien hemm xi permessi mwieghda mis-sid precedenti, cioe` l-istess attur li kienu nieqsa. Ma kienx hemm disgwid ta` xejn bejn ix-xerrej u l-venditur u ma kien hemm ebda tibdil fil-kondizzjonijiet bejn il-konvenju u l-kuntratt finali. Il-flus li l-konvenuti kellhom ihallsu lill-attur bhala l-bilanc tal-prezz meta fuq l-akkwist taghhom, ghaddew direttament minghand ix-xerrej Sultana ghal fuq l-attur u kien ghal din ir-raguni li l-attur kien prezenti ghall-iffirmar tal-kuntratt. Kien fil-mument meta kien spicca kollox u kulhadd kien hiereg 'il barra mill-ufficcju li l-attur qajjem l-ewwel darba il-kwistjoni tas-senserija. Anqas meta kien qed jithallas fuq il-kuntratt ma kien semma` xejn. Fid-diskursati li kien ikun hemm bejn Sultana u l-konvenuti ghax-xiri tal-hanut, l-attur qatt ma kien involut.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti, t-Tribunal huwa tal-fehma li mhux biss ma gewx ipprovati quddiemu l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex wiehed ikun intitolat li jithallas senserija, cioe` li ntroduca l-partijiet ghan-negozju – li ha sehem fin-negozjati – li kien strumentali bl-intervent tieghu sabiex in-negozju jinghalaq - u li fil-fatt in-negozju jkun gie konkluz bis-sahha ta` l-intervent ta` l-istess sensar, izda sahansitra jsib li l-attur lanqas biss beda biex igib l-icken prova dwar f`hiex kienet tikkonsisti l-azzjoni, l-partecipazzjoni u l-intervent tieghu sabiex sehh dan il-kuntratt. Ghal kuntrarju gie ppruvat minghajr ebda dubbju li gia` kienet tezisti relazzjoni legali lokatizzja bejn ix-xerrej u l-venditur u li l-attur filwaqt li ma deherx fuq il-konvenju, kellu kull interess li jidher fuq il-kuntratt *de quo* anzi ta` bil-fors kellu jidher sabiex jircievi l-flus lilu dovuta mill-venditur u jillibera l-proprjeta` in kwistjoni mill-bilanc ta` prezz li l-konvenuti kien fadlilhom ihallsuh fuq l-akkwist taghhom (a fol. 33 *et seq* tal-process).

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet premessi jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti jiddikjara li l-attur naqas li jressaq provi soddisfacenti biex jissostanza t-talba tieghu u konsegwentement ghalhekk jichad it-talba ntavolata minnu, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------